# 2024: X'NIXTIEQ NARA




Għaddiet sena li fiha kellna numru sabiħ ta' kotba, ħafna riċerka, il-Festival tal-Ktieb u numru ta' serati letterarji. Din il-paġna għalkemm forsi naqset ftit ir-ritmu, baqgħet tagħti ħarsa lejn ix-xogħol li jsir b'mod konsistenti. U waqt li għaddiet sena oħra, nista' nibqa' ntenni li dawn il-paġni letterarji għad għandhom importanza kbira minkejja t-teknoloġija. Dwar dan iżda ser nidħol aktar fid-dettal. Nittama li anke b'dan li qed nikteb f'dan l-artiklu ma jkunx hemm min jitfantas b'dak li ktibt jew jistaqsi għaliex ma ġiex imsemmi. Sodisfazzjon li żgur li għandi huwa li ftit huma dawk l-awturi li ma semmejtx xi xogħol minn tagħhom kemm ili nieħu ħsieb din il-paġna letterarja.

## Paġna Letterarja

Agħdruni ftit għar-repetizzjoni sabiex infakkar lili nnifsi dwar ir-responsabbiltà li ġġorr magħha din il-paġna. U dan qed ngħidu minkejja li konxju tal-fatt li l-popolarità tal-mezzi stampati naqas u l-firxa fil-komunikazzjoni naqset ukoll il-ħtieġa li xogħlijiet letterarji jissemmew biss f'din il-paġna.

Imma jekk inħarsu lejn l-istorja, fl-1960 meta Anton Cassar inħatar editur ta' L-Orizzont "mill-paġni tiegħu twieled il-Moviment Qawmien Letterarju u ta nifs ġdid lil-letteratura Maltija" (https://akkademjatalmalti.org/bijografiji/anton-cassar/). Sergio Grech fl-artiklu akkademiku "Il-Moviment Qawmien Letterarju: Kontinwazzjoni mal-Għaqdiet Letterarji ta' Qablu" kiteb hekk: "Il-gazzetti Laburisti, l-aktar fi żmien Anton Cassar bħala editur tal-Orizzont u hu nnifsu poeta, kienu jagħtu l-ispazju kollu mhux biss għal xogħlijiet ġodda iżda anke għal ton kritiku-polemiku ġdid, mhux biss bejn l-iskejjel differenti tal-ħsieb letterarju, iżda anki bejn l-istess membri tal-Moviment."

Dan l-aġġornament baqa' wieħed regolari, anke matul l-2023, anke jekk minħabba diversi raġunijiet forsi naqqas ftit ir-ritmu.

L-unika dispjaċir li għandi mhux mill-isfidi li għandhom il-mezzi stampati. Iddwejjaq tiegħi huwa aktar ġej mill-fatt li nixtieq ħafna, u dan l-appell se nagħmlu aktar `il quddiem ukoll, li l-awturi nfushom jaqraw dwar ix-xogħlijiet ta' xulxin. Ngħid bl-akbar onestà li nieħu ferm pjaċir meta awtur jibqa' jiġri warajja biex nikteb dwar ix-xogħol tiegħu. U dan huwa xhieda tal-importanza li għad għandhom dawn il-paġni. Iżda ma niħux pjaċir meta n-nies fit-toroq jgħiduli dwar xi rumanz li nkun ktibt dwaru u l-awturi nfushom ma nkunux jafu bih.

Aħna l-ambaxxaturi tal-letteratura. Mal-awturi nżid ukoll l-għalliema u dawn kolllha li għandhom għal qalbhom il-Malti.

## Djar tal-Pubblikazzjoni

Il-kotba li jiġu f'idejna huma grazzi għal dawk il-persuni li nvestew flushom, b'tant dedikazzjoni f'din l-industrija, minflok forsi f'oqsma oħrajn li jistgħu jirrendu aktar b'inqas sfidi. Jista' jkollna bosta kritika lejn il-pubblikaturi tagħna, kemm bħala qarrejja u forsi wisq aktar bħala awturi.

Ippermettuli iżda li nieħu l-okkażjoni li ngħid kelma waħda biss: Grazzi. Iva grazzi, għalkemm dawn qed jitħallsu tal-kotba. U dan għar-raġuni li għadni kif semmejt, fejn iċ-ċokon ta' pajjiżna joffri sfida kbira f'dak li għandu x'jaqsam ma' bejgħ ta' kotba. Magħha ma nistax ma nsemmix sfidi oħra fosthom il-klima ta' pajjiżna, fejn forsi minħabba fiha n-namra tal-qari mhijiex l-aktar waħda popolari kif ukoll dik tat-teknoloġija. U b'teknoloġija mhux qed nifhem il-kompjuter u t-tablet biss imma anke forom oħra ta' arti bħal films barranin li llum huma aktar aċċessibli.

Li kieku kelli nissimplifika, ma nkunx qed niżbalja li kieku ngħid li d-djar li għandna tal-pubblikazzjoni, u l-aktar li kkollaborajna magħhom f'din il-paġna, huma popolari l-aktar f'dawn il-ġeneri: Waħda f'kotba tattfal, l-oħra f'dik tar-rumanzi u kotba ta' poeżiji, oħra f'dik tar-riċerka, u oħra f'tat-traduzzjoni. Insibu wkoll djar